MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 1751/1999/1

**Philip A. Tabone eżerċenti l-kummerċ f'isem id-ditta Philip A. Tabone Trading Agency li tagħha huwa l-uniku proprjetarju**

**v.**

**George Spiteri Limited; illum magħrufa G. Spiteri & Sons Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'ċitazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Lulju 1999, l-attur jgħid illi bejn l-1993 u l-1994 huwa kien biegħ u kkonsenja merkanzija lis-soċjetà konvenuta bil-prezz ta' elfejn, sitt mija u sitta u tmenin lira u tletin ċenteżmu (Lm2,686.30). F'Mejju ta' l-1996 is-soċjetà konvenuta kienet ħallset mitejn lira (Lm200) akkont, iżda, għalkemm l-attur kemm-il darba sejħilha biex tħallas il-bqija, baqgħet ma ħallsitx. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallsu elfejn, sitt mija u sitta u tmenin lira u tletin ċenteżmu (Lm2,686.30) flimkien ma' l-imgħax minn dakinhar tal-konsenja u l-ispejjeż, fosthom ħmistax-il lira (Lm15) għall-konsult u dawk ta' l-ittra legali tat-12 ta' Mejju, 1999.

L-attur kien talab ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-Qorti ta' l-ewwel istanza, b'digriet tat-18 ta' Novembru 1999[1], tat lill-konvenuta fakoltà li tikkontesta l-kawża, u l-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. dak li qiegħed jitlob l-attur huwa wisq, għax il-konvenuta ħallset b'kollox elf u seba' mitt lira (Lm1,700); u

2. l-attur kien ikkonsenja makna illi kienet mill-bidu difettuża u għadha difettuża sallum, u minħabba f'hekk il-konvenuta ġarbet danni li huma aktar minn kemm qiegħed jitlob l-attur, li għal ħafna snin naqas milli jagħmel it-tiswijiet li ntrabat li jagħmel.

Biex tiġbor dawn id-danni, is-soċjetà konvenuta nqdiet bil-proċeduri mibdija mill-attur biex tressaq il-kontro-talbiet tagħha. Fissret illi l-attur kien ikkonsenjalha magna industrijali li kienet difettuża mill-bidunett. L-attur kien intrabat li jagħmel it-tiswijiet meħtieġa u jħallas l-ispejjeż relativi. Għalkemm baqa' jtenni din il-wegħda għal ħafna snin, sa ftit xhur qabel ma nfetħet il-kawża, l-attur ma riedx jagħmel dak li ntrabat li jagħmel, għalkemm il-konvenuta sejħitlu kemm-il darba biex iwettaq l-obbligazzjoni tiegħu. Billi l-magna ma ħadmitx kif kellha

1 *Fol.* 14 *et seq.*

taħdem, is-soċjetà konvenuta ġarrbet danni minħabba telf ta’ xogħol u qligħ. Għalhekk b’rikonvenzjoni qiegħda titlob illi l-Qorti:
1. tgħid illi l-attur naqas milli jagħmel, bi spejjeż tiegħu, it-tiswijiet fil-makna industrijali konsenjata lill-konvenuta, kif intrabat li jagħmel;

2. tikkundanna lill-attur sabiex fi żmien qasir u perentorju jagħmel it-tiswijiet meħtieġa bi spejjeż tiegħu;

3. tagħti lill-konvenuta s-setgħa illi t-tiswijiet tagħmilhom hi, u jħallas l-ispejjeż l-attur;

4. tgħid illi l-attur għandu jwieġeb għad-danni minħabba telf ta’ qligħ talli l-konvenuta ma setgħetx tinqeda bil-makna;

5. tillikwida d-danni; u

6. tikkundanna lill-attur iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-ispejjeż ġudizzjarji.

Għall-kontro-talbiet tas-soċjetà konvenuta, l-attur ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:
1. ir-rikonvenzjoni ma tiswiex u ma setgħetx issir f’dawn il-proċeduri għax l-art. 400 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi l-konvenut ma jistax iressaq kontro-talba kontra l-attur fi kwalità oħra minn dik li fiha jkun deher fit-talba tiegħu;

2. fil-proċeduri tallum l-attur qiegħed jidher fil-kwalità tiegħu personali, taħt id-ditta Philip A. Tabone Trading Agency, waqt illi fil-każ tal-bejgħ tal-makna industrijali lis-soċjetà konvenuta l-attur kien deher bħala aġent f’Malta ta’ “Antonino Mantello” u mhux f’ismu personali;

3. fit-trattativi mal-konvenuta dwar id-difetti li l-konvenuta tgħid illi hemm fil-makna industrijali l-attur dejjem deher bħala aġent ta’ “Antonino Mantello” u qatt f’ismu personali, u għalhekk kull obbligazzjoni li ntrabat biha favur il-konvenuta dwar dik il-makna dejjem għamilha bħala aġent;

4. bla ħsara għall-eċċezzjonijiet l-oħra, ma hux minnu illi l-makna għandha xi difetti; u

5. għalhekk il-kontro-talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.

**Is-sentenza appellata:**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza ta-28 ta' Jannar 2005, bil-mod segwenti:

"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tgħid illi r-rikonvenzjoni saret ħażin u għalhekk teħles lill-attur mill-ħarsien tal-ġudizzju, tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tikkundannaha tħallas lill-attur elfejn, sitt mija u sitta u tmenin lira u tletin ċenteżmu (Lm2,686.30) flimkien ma' l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni. Is-soċjetà konvenuta għandha tħallas ukoll l-ispejjeż kollha ġudizzjarji, kemm dawk tal-kawża ewlenija kif ukoll dawk tar-rikonvenzjoni."

U dana wara li ghamlet is-sewgenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"Ma hux kontestat illi s-soċjetà konvenuta xtrat xi merkanzija mingħand l-attur proprio, u ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar il-prezz, għalkemm il-partijiet ma humiex qegħdin jaqblu dwar il-ħlasijiet illi l-konvenuta għamlet akkont. Barra mill-merkanzija li dwarha saret il-kawża ewlenija, is-soċjetà konvenuta kienet xtrat ukoll makna industrijali, iżda l-partijiet ma humiex qegħdin jaqblu dwar jekk din il-makna nxtratx mingħand l-attur proprio, kif qiegħda tgħid il-konvenuta, jew nomine, kif igħid l-attur. Il-konvenuta tgħid ukoll illi l-makna kienet difettuża u hi ġarrbet telf ta' xogħol u ta' qligħ minħabba f'hekk, iżda l-attur qiegħed jiċħad dan.

"Inqisu l-ewwel it-talba ta' l-attur fil-kawża ewlenija, fejn il-kwistjoni hi dwar kemm ħallset u kemm fadlilha tagħti s-soċjetà konvenuta.

Il-konvenuta qalet, fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, illi għamlet dawn il-ħlasijiet illi tgħid illi ma jidhrux fil-kont ta’ l-attur:

- fit-30 ta’ Ġunju 1994, imsarraf dakinhar stess: Lm 500.00
- fil-11 ta’ Mejju 1995, imsarraf fis-16 ta’ Mejju 1995: Lm 300.00
- fit-28 ta’ Lulju 1995, imsarraf dakinhar stess: Lm 300.00
- fl-10 ta’ Mejju 1996, imsarraf fl-14 ta’ Mejju 1996: Lm 200.00
- fit-3 t’Awissu 1996, imsarraf fl-4 ta’ Settembru 1996: Lm 200.00

B’kollox: Lm1,500.00

“Dawn il-ħlasijiet jirriżultaw minn cheques esebiti mill-konvenuta[2], li kollha kienu kreditati fil-kont ta’ l-attur.

“Fil-fatt, iżda, il-ħlas ta’ ħames mitt lira (Lm500) tat-30 ta’ Ġunju 1994 jidher fil-kont ta’ l-attur[3] b’dik id-data stess; dak ta’ tliet mitt lira (Lm300) tal-11 ta’ Mejju 1995 jidher bid-data tat-12 ta’ Mejju 1995; dak ta’ tliet mitt lira (Lm300) tat-28 ta’ Lulju 1995 jidher b’dik id-data stess; dak ta’ mitejn lira (Lm200) tal-10 ta’ Mejju 1996 jidher bid-data tat-13 ta’ Mejju 1996, u dak ta’ mitejn lira (Lm200) tat-3 t’Awissu 1996 jidher bid-data tat-3 ta’ Settembru 1996.

“Dawn il-ħlasijiet kollha għalhekk kienu meqjusa mill-attur u tnaqqsu mill-bilanċ li qiegħed jitlob.

“Il-konvenuta qalet illi għamlet ħlas ieħor fil-11 ta’ Marzu 1997, iżda ċ-cheque relattiv ma ġiex esebit u ma hemmx prova ta’ dan il-ħlas.

“Għalhekk, billi ma nġibitx prova illi saru ħlasijiet illi ma tqisux, l-eċċezzjoni ta’ ħlas hija miċħuda. Ma saritx kontestazzjoni dwar il-prezz tal-merkanzija, u għalhekk il-bilanċ li fadallu jieħu l-attur, wara li tqis il-ħlasijiet, huwa ta’ elfejn, sitt mija u sitta u tmenin lira u tletin ċenteżmu (Lm2,686.30).

---

[2] *Fol*. 59.

[3] *Fol*. 39.

“It-tieni eċċezzjoni tgħid illi għandha sseħħ tpaċija ma’ dak li għandha tieħu l-konvenuta bħala danni, u biex inqisu din l-eċċezzjoni irridu ngħaddu biex inqisu l-kontro-talbiet.

“L-attur ressaq l-eċċezzjoni illi s-soċjetà konvenuta ma setgħetx tagħmel rikonvenzjoni għax fil-kawża ewlenija l-attur deher f’ismu proprio waqt illi fil-bejgħ tal-makna li hija l-meritu tal-kontro-talbiet l-attur deher bħala aġent tal-kummerċ ta’ ditta barranija. Għalhekk, igħid l-attur, ir-rikonvenzjoni saret bi ksur ta’ dak li jgħid l-art. 400 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

"“400. Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalità oħra minn dik li fiha jkun imħarrek, lanqas ma jista’ jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalità oħra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tiegħu.

“Jekk tassew l-attur deher bħala aġent tal-kummerċ, mela tassew illi r-rikonvenzjoni saret ħażin. Dwar aġent tal-kummerċ, l-art. 70 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, qabel ma nbidel bl-Att IX ta’ l-2003, kien igħid hekk:

"“70. Hu agent tal-kummerc dak li hu inkarigat fil-fiss u persunalment minn ditta wahda jew izjed ta’ barra sabiex imexxilhom l-affarijiet taghhom f’Malta u jibghatilhom l-ordnijiet ghall-accettazzjoni."

“Mill-fattura esebita fil-proċess[4] jidher illi n-negozju sar bejn Antonio Mantello u s-soċjetà konvenuta. Għalhekk igħid sew l-attur illi kull ma għamel hu kien illi wassal l-ordni tal-konvenuta għand id-ditta ta’ barra, u kienet din li aċċettat l-ordni. Il-polza tal-kariku[5] ukoll turi illi l-konsenja saret mid-ditta ta’ barra direttament lis-soċjetà konvenuta, u dan ikompli jsaħħaħ l-argument ta’ l-attur.

“Billi jidher għalhekk illi, dwar il-bejgħ u x-xiri tal-makna li dwarha saret ir-rikonvenzjoni, l-attur ma deherx f’ismu, ir-rikonvenzjoni saret ħażin, u l-ewwel eċċezzjoni ta’ l-attur għandha tintlaqa’. Għall-istess raġuni, it-tieni eċċezzjoni

4 *Fol*. 42.

5 *Fol*. 41.

tal-konvenuta għat-talbiet ta' l-attur — l-eċċezzjoni ta' tpaċija — għandha tiġi miċħuda."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'hekk b'rikors intavolat fis-16 ta' Frar 2005, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti "*joghgobha tbiddel u tvarja s-sentenza appellata billi, waqt li tilqa' l-ewwel eccezzjonijiet tad-ditta konvenuta appellanti ghat-talbiet ta' l-attur, tbiddel is-sentenza appellata billi tichad l-eccezzjonijiet tal-attur Philip Tabone ghall-kontro-talba tad-ditta appellanti, u tilqa' t-talbiet ta' l-appellanti fil-kontro talba tad-ditta konvenuta, tiddikjara lill-attur appellat responsabbli ghad-danni sofferti mill-appellanti ditta konvenuta u prevja likwidazzjoni tad-danni sofferti mid-ditta appellanti, tikkundanna lill-attur appellat ghall-hlas tad-danni hekk likwidati. Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk fil-kontro-talba u tal-prezenti appell kontra l-attur appellat.*"

L-attur appellat ipprezenta risposta ghall-appell tas-socjeta` konvenuta fejn jghid li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet korretta u ghalhekk, anke ghar-ragunijiet mressqa fl-imsemmija risposta, timmerita konferma u li l-appell jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti.**

Is-socjeta` konvenuta appellanti qed tressaq bazikament zewg aggravji kontra s-sentenza fuq imsemmija. Wiehed mill-aggravji jikkoncerna c-cahda ta' l-ewwel eccezzjoni fejn jinghad li l-ammont reklamat huwa eccessiv billi, skond is-socjeta` appellanti, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti billi l-ammont reklamat mhux biss huwa eccessiv, kif jinghad fin-nota ta' l-eccezzjonijiet, izda addirittura mhux dovut. It-tieni aggravju jikkoncerna l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta billi din qed issostni li hija dejjem ittrattat ma' Philip Tabone u bhala tali dan ghandu jirrispondi ghad-danni li gew riskontrati fil-magna.

**Ikkunsidrat:-**

Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li d-ditta attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta` konvenuta. Infatti mill-*invoices* li gew esebiti li jinsabu a fol. 36, 37 u 38 u li jgibu n-numri rispettivi 002159 tat-3 ta' Marzu 1993, 002201 tal-4 ta' Mejju, 1993 u 002383 tal-1 ta' Marzu 1994, jidher li fid-dati rispettivi s-socjeta` konvenuta xtrat merkanzija minghand id-ditta attrici tal-valur ta' Lm2,340.00, Lm2,415.62,3 u Lm193.51 u ghalhekk fl-imsemmi perjodu is-socjeta` attrici kellha debitu globali ta' Lm4,949.13,3.

Jidher li l-azzjoni tad-ditta attrici hija bazata fuq bilanc li jirrizulta minn *statement* esebit mill-attur a fol. 39 tal-process fejn jidhru l-ammonti fuq imsemmija kif ukoll "*outstanding balance*" ta' Lm77.17, presumibilment dan huwa bilanc minn ammonti dovuti precedentement. Dan l-"*istatement*" imbaghad ikompli juri ammonti li thallsu fuq perjodu ta' zmien li b'kollox jlahhqu s-somma ta' Lm2262.83. L-attur ghalhekk naqqas l-ammont rizultanti bhala hlas mill-ammont tal-"invoices" fuq imsemmija (minghajr ma ha kont tal-"*outstanding balance*" ta' Lm77.17) u ikkonkluda li kien fadallu bilanc ta' LM2,686.30 indikat fic-citazzjoni.

Din il-Qorti trid qabel xejn tosserva li x-xiehda ta' Philip Tabone dwar il-kreditu hija pjuttost konfuza u din bl-ebda mod ma hi agevolata jew spjegata bil-mod kif inhu redatt l-*istatement* a fol 39 esebit mill-istess attur. B'dana kollu, ezaminati l-atti tosserva li mix-xiehda ta' l-attur jirrizulta li d-ditta attrici dejjem tiddepozita fil-kont taghha l-Bank kull pagament li jsirilha. Dan stabbilit din il-Qorti ma tistax tifhem kif is-socjeta` attrici qed tippretendi l-bilanc reklamat meta jirrizulta bla ebda dubju ta' xejn li s-socjeta` konvenuta hallset l-ammonti ta' Lm2,340 u Lm2,415 b'cheques mahruga fid-9 ta' Frar 1993 u fil-5 ta' Marzu 1993 rispettivament, u liema *cheques* kienu gew "*Placed to the credit of payees account…*" rispettivament fil-11 ta' Frar 1993, u fil-5 ta' Mejju, 1993. Dawn c-*cheques* jirraprezentaw hlas ghall-ammonti identici li huma indikati fl-"invoices" u ghalhekk din il-Qorti tifhem li l-ammonti

rispettivi fiz-zewg “invoices” fuq imsemmija kienu gew saldati.

Jibqa’ biex jigi determinat jekk l-ammont bilancjali ta’ Lm193.51 rizultanti fl-“invoice” numru 002383 ta’ l-1 ta’ Marzu 1994 giex imhallas u ghaliex, wara li saru l-pagamenti fuq imsemmija ta’ Lm2,340 u Lm2,415, baqghu jsiru pagamenti perjodici.

Fir-risposta tieghu ghall-appell tas-socjeta` konvenuta, l-attur appellat spjega hekk dwar ic-cheques ghall-ammonti ta’ LM2340 u LM2415:
“Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat illi l-imsemmija cheques ma jikkostitwixxu ebda prova ta’ pagament stante li ma ingabet ebda prova illi dawn ic-cheques fil-fatt issarfu, u fit-tieni lok huwa pjuttost ovvju illi dawn ic-cekks ma ssarfux, ghax li kieku dan kien il-kaz wiehed jistaqsi mela ghalfejn l-konvenuti effettwaw il-pagamenti illi huma stess qed jaccettaw illi ghamlu in segwitu ghall-hrug taz-zewg cekkijiet fuq imsemmija.”

Dwar l-ewwel oggezzjoni u cioe` li ma hemm ebda prova ta’ pagament ta’ dawn l-ammonti din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad hawn fuq u cioe` li jirrizulta li c-*cheques* gew depozitati fil-kont tad-ditta attrici. Dwar l-osservazzjoni li l-hlas ta' l-ammonti sussegwenti hija indikazzjoni li dawn ic-*cheques* ma ssarfux, din il-Qorti tosserva li din hija pura spekulazzjoni da parti ta' l-attur billi alternattivament jista' jkun il-kaz li l-ammonti mhallsa wara t-30 ta’Gunju 1994, fl-ammont ta’ Lm2,262.83 kif jirrizultaw fl-*istatement* ipprezentat mill-attur innifsu, kienu in sodisfazzjon ta’ xi kreditu pre-ezistenti l-“invoices” 002159 u 002201 ghall-ammonti rispettivi ta’ Lm2,340 u Lm2,415. Biss ma ingiebet ebda prova li kien hemm xi ammonti dovuti filwaqt li fl-istess *statement* a fol. 39 jirrizulta li, fid-data antecedenti l-*invoices* imsemmija, bhala “*Amount outstanding*” kien hemm biss Lm77.17. Minn dan jidher li anke l-ammont ta’ Lm193.51 gie saldat.

Ghal dawn ir-ragunijiet jidher li l-ewwel aggravju tas-socjeta` konvenuta huwa gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Dwar it-tieni aggravju tas-socjeta` konvenuta u cioe` dwar ir-responsabbilita` ta' l-attur ghal hsara u danni allegatament ezistenti fil-magna mibjugha lis-socjeta` konvenuta, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid. Infatti jirrizulta bla ebda dubbju ta’ xejn li kienet is-socjeta` konvenuta li ordnat il-magna in kwistjoni mid-ditta Taljana Antonino Mantello u li l-istess ditta konvenuta giet “invoicjata” ghall-prezz kollu direttament mid-ditta speditrici. L-attur f’dan in-negozju kien qed jagixxi bhala intermedjarju u bhala tali ma jistax jinsab responsabbli personalment ghal xi difetti riskontrati fil-magna u konsegwentement il-kontro-talba mressqa mis-socjeta` konvenuta qatt ma setghet tirnexxi kontrih.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi milqugh limitatament billi s-sentenza appellata qed tigi riformata inkwantu t-talba attrici (ghall-hlas tas-somma ta' Lm2,686.30) qed tigi michuda, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha, filwaqt li dik il-parti tas-sentenza li cahdet il-kontro-talba qed tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi in kwantu jirreferu ghal din il-kontro-talba kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------